**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 7 ta' April 2022**

**Rikors nru: 134/2022 AGV :**

**DBP**

***vs***

**MB**

**Il -Qorti ;**

**Rat ir-rikors ta' D B P datat 8 ta' Marzu 2022;**

Tesponi bir-rispett, u bil-gurament tikkonferma:

Illi hija zzewwget lill-intimat fil-tnejn u ghoxrin (22) ta' Mejju elfejn u disa' (2009), liema zwieg gie debitament registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta, (Kopja tac-Certifikat annessa bhala Dokument A);

Illi l-partijiet, ilhom separati *de facto* oltre ghaxar snin, u huma xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz kuntratt ta' separazzjoni konsenswali datat seba' u ghoxrin (27) ta' Gunju elfejn u tlettax (2013), in atti tan-Nutar Dott. Josef Masini Vento, liema kuntratt qieghed jigi anness u mmarkat bhala Dokument B;

Illi l-partijiet minn dan iz-zwieg kellhom tifel, KR , li twieled fit-tmintax (18) ta' Frar tas-sena elfejn u hada (2011), u ma tezisti l-ebda pendenza ta' manteniment bejniethom.

Illi r-rikorrenti u l-intimat jghixu hajja separata u distinta minn ta' xulxin, u r-rikorrenti taf li ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Illi ghaddew diversi snin (olre ghaxar snin) mid-data tas-separazzjoni bejn il-partijiet, u r-rikorrenti tikkonferma li ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom.

Illi jikkonkoru il-kriterji kollha rikesti mill-ligi ghal-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet. Ghaldaqstant r-rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara li z-zwieg taghha ma' MB  hu mahlul, u li l-partijiet huma divorzjati ghal effetti kollha tal-ligi u sabiex jordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien mholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-

Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku.

Il-Qorti rat li l-konvenut deher fis-seduta tas-7 ta' April 2022 u ddikjara illi mhux joggezzjona ghat-talba tad-divorzju.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat illi kien hemm l-elementi kollha sabiex jinghata d-divorzju.

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**

*Rikorrenti: Dorianne Bonnici Pace - Block 13, Apt 4, Hubbard Flats, Triq Alessandra, Cospicua.*

*Intimat: Mărk Bonnici - Apt 4, Sunrise Court, Triq tal-Bilbel, Qawra.*